MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 886/2010

Carmelo **Tanti**

**(karta ta' l-identita` numru 233668 (M))**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta' Settembru, 2010, li permezz tieghu, r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi l-intimat innotifika lir-rikorrenti b'ordni ta' zgumbrament fir-rigward tal-kjosk mobbli tieghu bl-isem ta' "*Tanti Jr. Paradise*" meta l-istess kjosk kien ipparkeggjat fil-Bajja ta' San Gorg, San Giljan;

1.2 Illi l-ordni fuq riferit inhareg *ai fini* tal-Kapitlu 228 tal-Ligijiet ta' Malta u hu datat l-10 t'Awwissu, 2010, (ara fol 5);

1.3 Illi l-agir tal-intimat hu illegali stante li l-Kapitlu fuq riferit ma jaghti l-ebda poter biex l-intimat jaghti tali ordni;

1.4 Illi r-rikorrenti m'hu qed jokkupa l-ebda art u kull m'ghandu hi biss kjosk mobbli fuq ir-roti li bih jinzel fil-bajja fuq riferita biex jevita it-traffiku, u jiehdu lura tard fil-

ghaxija wara li jispicca mill-uzu kummercjali li jaghmel bih;

1.5 Illi meta jigi biex jarma u jzarma l-istess kjosk, ir-rikorrenti juza l-prudenza;

1.6 Illi r-rikorrenti m’hu qed jikser l-ebda kundizzjoni tal-ligijiet;

1.7 Illi ghandu wkoll permess ta’ *street hawker*, (ara fol 6);

1.8 Illi in vista tal-premess aderixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` iwiegeb ghas-segwenti talbiet:

1.8.1 Tiddikjara li l-Kap 228 fuq riferit ma jawtorizzax lill-intimat johrog l-ordni ta’ zgumbrament datata l-10 t’Awwissu, 2010 fuq riferita fil-konfront tal-kjosk mobbli tar-rikorrenti;

1.8.2 Tiddikjara li l-operat tar-rikorrenti minn din il-gabbana hu konformi ma’ l-Avviz Legali 1 tal-2006;

1.8.3 Tiddikjara li l-ordni ta’ zgumbrament *de quo* hu null u bla effett;

1.8.4 Tinibixxi lill-intimat in perpetwita`, milli jaghmel xi haga biex inehhi jew icaqlaq il-kjosk *de quo*, sa kemm ma jinbdlux ic-cirkostanzi;

1.8.5 Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat datata l-5 t’Ottubru, 2010, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

2.1 Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2 Illi l-kjosk *de quo* inhariglu l-ordni ta’ zgumbrament in dizamina stante li kien qed jokkupa post pubbliku b’mod fiss u permanenti;

2.3 Illi t-terminu uzat fir-rikors guramentat promotur mhux wiehed adegwat ghas-sitwazzjoni in dizamina li effettivament ipprovokat l-ordni ta' zgumbrament *de quo*;

2.4 Illi l-kjosk in dizamina effettivament qieghed jithallas fil-post *de quo* b'mod permanenti – sahansitra, minghajr roti biex ma jingarrx u b'konnessjoni fissa ta' *drain pipe* kollegata mas-sistema tad-drenagg tat-triq *de quo*, (ara fol 17 sa 19 u 103 sa 111);

2.5 Illi l-azzjoni tal-Kummissarju intimat hi skont il-ligi;

2.6 Illi l-Avviz Legali 1 tal-2006 qed jinkiser b'mod lampanti mir-rikorrenti stante li bhala *street hawker* hu obbligat icaqlaq il-kjosk tieghu u jieqaf biss meta jkun qed ibiegh;

2.7 Illi meta *hawker* jaqdi hekk lill-klijenti tieghu hu wkoll obbligat imur post iehor;

2.8 Illi tali *hawker* hu prekluz milli jhalli l-vettura tieghu ipparkjata b'mod permanenti anke meta ma jkunx qed jaqdi lill-klijenti;

2.9 Illi r-rikorrenti hareg l-ordni in dizamina stante li mhux gust u ekwu li xi hadd jithalla jokkupa *area* pubblika b'mod permanenti daqs li kieku kienet tieghu biex minnha jezercita attivita` kummercjali;

2.10 Illi ghalhekk, l-ordni tal-Kummissarju intimat hu wiehed gust u skont il-ligi;

2.11 Salv eccezzjonijiet ohra;

2.12 Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni tal-procedura ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 113);

4. Rat ix-xhieda kollha in atti flimkien mad-dokumenti kollha esebiti;

5. Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati mill-kontendenti rispettivament datati t-30 t’Awwissu u t-30 t’Ottubru, it-tnejn 2013, (ara fol 116 u 122);

6. Rat il-verba l tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat il-21 ta’ Novembru, 2013, li permezz tieghu irrimettew ruhhom ghan-noti minnhom sottomessi;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi r-rizultanzi in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1 Illi r-rikorrenti jopera gabbana mobbli fil-Bajja ta’ San Gorg, San Giljan;

7.2 Illi biex jaghmel dan hu munit b’licenzja ta’ *street hawker*, senjatament bejjiegh fit-triq;

7.3 Illi jirrizulta mix-xhieda tas-Sindku tal-lokal *de quo* u tar-rapprezentant tad-dipartiment tal-Kummerc, *street hawker* irid isegwi s-segwenti obbligi:

7.3.1. Ibiegh il-merkanzija tieghu minn post meta jkun wieqaf jew fiss, (ara fol 66);

7.3.2. Irid izomm distanza ta’ hamsin (50) metru minn kwalunkwe suq pubbliku jew entratura ta’ stabbiliment kummercjali, (ara fol 64 u 66);

7.3.3. Illi l-attivita` kummercjali li *street hawker* jista’ jeffettwa hi dik biss li tista’ tigi effettwata meta dan ikollu n-nies u jkun qed jaqdihom, (ara fol 75);

7.3.4. Illi meta l-istess *street hawker* ma jkollux nies jixtru minghandu, hu obbligat li jsuq minn fejn ikun u jmur band’ohra, (ara fol 75);

7.3.5. Illi tali *street hawker* ma jridx jingombra bankini;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi mir-ritratti esebiti, ghandu jkun pacifiku li:

8.1 Peress li r-roti tal-kjosk jew gabbana involuta gew zarmati, dan kien wiehed permanenti u ma baqax aktar mobbli;

8.2 Illi l-istess gabbana kienet ta’ intralc serju ghall-inkolumita` tan-nies pedonali li juzaw l-inhawi;

8.3 Illi l-inhawi tal-gabbana *de quo* saru popolari ferm aktar milli qatt kienu qabel wara li l-bajja tal-post giet zviluppata u ghalhekk bdiet tkun ferm aktar frekwentata;

8.4 Illi ghalhekk l-ezistenza tal-gabbana ta’ daqs konsiderevoli kienet qed izzid il-periklu ghall-utenti kollha tal-bajja in dizamina;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li hu protett mill-ligi ghaliex jikkwalifika bil-licenzja lilu moghtija ta’ *street hawker* ma tissuffragahx stante li bl-agir tieghu stess kien hu li qed jikser il-kundizzjonijiet verament minuri fuqu minnha imposti biex ghalhekk kien hu stess li ddeligittimizza lilu nnifsu u rrenda ruhu minghajr tutela statutorja;

10. Illi bl-agir egoistiku tieghu r-rikorrenti biddel in-natura tal-licenzja ta’ *street hawker* lilu moghtija f’wahda koncernanti fond permanenti – haga li la hi suffragata mill-ligi u lanqas sanzjonabbli;

11. Illi *di piu`*, kien ukoll qed johloq perikolu kbir lil min kien ikun qed juza l-istess *area* kemm bil-mixi, kemm b’xi vettura, u kien ukoll qed johloq periklu lill-ambjent cirkostanti meta azzarda wkoll ikkonnettja katusa mill-gabbana tieghu ghad-drenagg pubbliku minghajr permess u kawteli sanitarji konsegwenzjali, b’detriment ghas-sahha ta’ min imur jixtri l-prodott artigjanali tieghu u azzarda wkoll jikkollega ruhu mas-sistema tal-elettriku b’mod permanenti;

12. Illi ghaldaqshekk biss, l-azzjoni tal-Kummissarju intimat hi wahda lodevoli li maghha c-cittadin ordinarju jippretendi wkoll it-tutela tal-awtoritajiet sanitarji u tal-elettriku koncernati;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta s-segwenti:

13.1 Illi r-rikrorenti kien ghalhekk qed jokkupa art pubblika minghajr id-debita awtorizzazzjoni;

13.2 Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandu l-ebda titolu fil-ligi biex jokkupa dak il-porzjon art li fuqu kien qed izomm il-kjosk tieghu b'mod permanenti gialadarba kien ukoll nehha r-roti mill-istess biex dan zgur ma jiccaqlaqx, niffed komunikazzjoni illecita` mas-sistema tad-dranagg pubbliku, u ikkomunika ruhu mas-sistema tal-elettriku, ghall-htigijiet tieghu;

13.3 Illi ghalhekk, tenut kont tar-rizultanzi hawn fuq sintetikament elenkati, din il-qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-mod kif il-Kummissjarju intimat ezercita d-diskrezzjoni tieghu fil-limiti tal-artiklu 3 tal-Kap 228 tal-Ligijiet ta' Malta;

**DECIDE:**

14.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti Carmelo Tanti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

14.1 Takkolji r-risposta guramentata tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet fuq riferita;

14.2 Trrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti fuq indikati;

14.3 Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess Kummissarju intimat fir-risposta tieghu *de quo* kontra r-rikorrenti fuq ukoll indikat.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------